# Mekkaniżmi tal-mard: Kunċetti bażiċi

**Indiċi**


- 1 Sintomi
- 2 Dijanjosi
- 3 Mekkaniżmi
- 4 Għal xiex hi mmirata l-mediċina


Hemm erba' kunċetti importanti biex ikun determinat l-użu tal-mediċini għat-trattament tal-mard.

## Sintomi

Dawn huma s-sinjali li l-pazjent jesperjenza u li ma jkunux normali (pereżempju wġigħ, tnixxija ta' demm, nefħa li tinħass xi mkien, li tegħreq ħafna, sturdament, problemi fis-smigħ, eċċ.). Il-pazjent imbagħad jispjegahom lit-tabib li jħares lejn dawn is-sintomi u jipprova jirrelatahom ma' xi marda jew sindrome (fejn ikun hemm ġabra ta' diversi sintomi flimkien) sabiex ikun jista' jagħmel dijanjosi.

## Dijanjosi

Dijanjosi tkun iffurmata abbażi ta':

- l-istorja tal-mard tal-pazjent u x'sintomi jkollu
- eżami tat-tabib
- kampjuni tad-demm
- studju tal-istrutturi interni tal-ġisem permezz ta' X-ray, Computer Tomography (CT), u Magnetic Resonance (MR) *scans*.

## Mekkaniżmi

Sekli ta' riċerka wasslu biex illum nafu x'inhuma l-mekkaniżmi tal-mard li jwasslu għal sintomi u allura għal dijanjosi. Dawn is-sintomi jistgħu jiġu osservati b'diversi metodi:

- huma viżibbli għall-għajn tal-bniedem

- b’kejl fiżiku u elettriku (pereżempju l-pressjoni fid-demm, is-saħħa tal-muskoli, iċ-ċirkolazzjoni tal-awrina, id-daqs ta’ tumur, l-attività tal-qalb, eċċ.)
- kejl fiżiko-kimiku fuq kampjuni tad-demm jew kampjuni tat-tessut (‘bijopsiji’).

## Għal xiex hi mmirata l-mediċina

L-identifikazzjoni tal-mekkaniżmi tal-mard tgħinna nifhmu x’ikun mar ħażin. Imbagħad ikun importanti li nifhmu eżatt liema molekuli (ħafna drabi proteini) ikunu involuti – b’hekk ikun iffurmat it-*target* li għalih se tkun immirata l-azzjoni primarja ta’ mediċina. Meta l-mediċini jaħdmu fuq it-*target,* ibiddlu l-proċessi molekulari, li min-naħa tagħhom ibiddlu l-proċessi fiżjoloġiċi. Dan, imbagħad, iwassal biex ikun indirizzat l-iżbilanċ li jkun wassal għas-sintomi tal-marda. Għal ħafna kundizzjonijiet, ma jeżisti l-ebda trattament effettiv. Xi trattamenti eżistenti jiffukaw biss fuq l-immaniġġjar tas-sintomi ta’ dik il-kundizzjoni partikolari. Għal dawn il-kundizzjonijiet għadhom qed isiru r-riċerka u l-iżviluppi essenzjali biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet mediċi li s’issa għadhom ma ġewx indirizzati.

Li nkunu nafu l-mekkaniżmi wara s-sintomi li jiġu osservati f’marda hu kruċjali biex tkun tista’ tinbeda r-**riċerka għal xi trattament jew medikazzjoni.**

Xi jfisser trattament tajjeb? Ifisser sempliċiment li jerġa’ jinstab il-bilanċ fil-funzjoni tal-ġisem. Dan il-bilanċ jew ekwilibriju hu magħruf ukoll bħala *‘homeostasis’*. Dan it-terminu jiddeskrivi l-bilanċ li jeżisti bejn il-komponenti kollha tal-ġisem. *Homeostasis* adegwat ifisser li tkun b’saħħtek u tħossok mimli vitalità (jiġifieri mimli ħajja u enerġija meta tqum filgħodu) u ma tħoss xejn ħażin f’ġismek (jiġifieri ma jkollok imkien juġgħek jew jagħtik il-problemi).